SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 37-18**

**30 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.00 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**37.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għall-laqgħa.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 36-17**

**37.2.1** ***Bollards fi Triq l-Ibiscus***

B'referenza għall-minuta 36.5.4 tal-laqgħa preċedenti ġie stabbilit li Triq l-Ibiscus għandha tingħalaq minn Triq Inez Soler u l-*bollards* għandhom ikunu tat-tip li jistu jinqalu.

**37.2.2** ***CCTV Cameras***

B'referenza għall-minuta 36.2.1 tal-laqgħa preċedenti il-Viċi Sindku qal li minn informazzjoni li għandu, jidher li qabel issir systema ta' CCTV Cameras irid isir *Impact Assessment* minħabba d-*Data Protection*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li tiġi stabbilita' ġurnata li fiha ser issir laqgħa ta' informazzjoni ħalli jinħareġ avviż. Ġie deċiz li din id-data tkun kordinata mas-Sur Farrugia li qed jgħin lill-Kunsill f'din l-nizjattiva u li din għandha tkun ġurnata fost il-ġimgħa.

**37.2.3** ***Arbli tad-dawl fuq iz-Zuntier tal-Knisja***

B'referenza għall-minuta 36.2.2, il-Viċi Sindku staqsa dwar il-manutenzjoni li kellha ssir fuq id-dawl fil-Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li kien bidel il-bozoz iżda mhux kollha xegħlu. Il-Viċi Sindku rrimarka li hu tal-parir li dan ix-xogħol isir mill-kuntrattur.

**37.2.4** ***Survey dwar il-Bus Terminus***

B'referenza għall-minuta 36.4 is-Sindku ġie mistoqsi kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-laqgħa li kellu ma' Trasport Malta fir-rigward tal-*bus terminus* fi Triq Guljetta Lopez. Huwa wieġeb li hu kien tkellem kif kien miftiehem mal-Kunsill u li hu infurmat li l-Kunsill ser jingħata *feeback* fil-ġranet li ġejjin.

**37.2.5** ***Vandaliżmu***

B'referenza għall-minuta 36.5.6 il-Kunsillier Bonello qal li l-vandalimu għadu għaddej. Is-Sindku qal li kien ser jitlob laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija f'dan ir-rigward.

**37.2.6 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 36-17 ġew approvati mill-Kunsill.

***37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'***

**37.3.1** ***Kummenti u Suġġerimenti tar-Residenti***

B'referenza għal minuta numru 4.3 is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jirriżulta li din ir-residenta ma kienetx fil-lista ta' nies li attendew għall-laqgħa tal-Lokalita' ta' sena ilu. Fir-rigward tal-kumment li sar dwar il-fatt li ma ntbagħtx *acknowledgement* għal *e-mail* li nbagħtet il-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-*e-mail* ma kienetx iġġib l-indirizz tal-*e-mail* tal-Kunsill.

**37.3.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2018 ġew approvati mill-Kunsill.

**37.4 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**37.4.1** ***Approvazzjoni għal xiri***

Is-Segretarju tal-Kunsill qalet li l-librara talbet li jinxtraw numru ta' kotba bil-Malti li l-ispiża tagħhom tammonta għas-somma ta' €202.81. Il-Kunsill qabel li din in-nefqa għanda ssir mill-fondi lir-Reġjun qed jalloka fuq xiri ta' kotba.

**37.4.2** ***ECAD Membership Fee***

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €300.00 fir-rigward tal-Membership Fee tal-ECAD għas-sena 2018.

**37.4.3** ***Tħejjija ta' rapport tal-EPC***

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjoni biex jitħejja rapport obligatorju dwar ir-rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija relatat maż-żewġ *pavillons* il-ġodda li saru mal-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni tal-perit tal-Kunsill li tammonta għas-somma ta' €750.00.

**37.4.4** ***Approvazzjoni għal xiri***

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-bżonn li l-Kunsill ikollu *accounting system* ġdida peress li s-*software* li għandu bħalissa m'għadux qed jiġi *supported*. Hija qalet li tkellmet ma' tlett kumpaniji li jissuplixxu dan is-*software* u jidher li l-Kumpanija Progression qed toffri l-aħjar offerta. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għax xiri ta' dan is-*software.*

**37.4.5** ***Approvazzjoni għal xiri***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *software* ġdid għal Payroll System peress li dak li għandu l-Kunsill mhux ħa jibqa *supported* wara Diċembru 2018.

**37.4.6** ***Approvazzjoni għal xiri***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' żewġ imwejjed għad-Day Care Centre**.**

**37.4.7** ***Approvazzjoni għal xiri***

Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku biex jinxtara *hoover blower* għal ħaddiema tal-ETC għal xogħol ta' tindif fil-pjazzez.

**37.4.8** ***Kwotazzjoni għal servizz ta' Knis***

Il-Kunsill ma qabilx li jħallas għal servizz *extra* ta' knis ta' toroq. Il-Kunsill qabel li jekk isir ix-xogħol skond kif rikjest fil-kuntratt il-Kunsill ikun sodisfatt. Issemma l-bżonn li jsir *monitoring* fuq dan is-servizz. Ġie propost li għandu jintalab ħaddiem tal-IPSL biex jagħmel xogħol ta' supervizjoni fuq is-servizzi li jikri l-Kunsill.

**37.4.9** ***Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 37-18 għall-perjodu bejn l-14 ta' Diċembru 2017 u l-15 ta' Jannar 2018 u minn *cheque* numru BOV 7003 sa numru BOV 7056.

**37.5** **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**37.5.1** ***Proġett tat-Tunnels f'Triq tal-Barrani***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti ta' Trasport Malta fir-rigward tal-proġett tat-*tunnels*. Huwa qal lid-diskussjoni kienet fuq l-*underpass* li jser tieħu post is-*subway* eżistenti. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-proposti l-ġodda li kellhom jinbagħtu l-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dawn għadhom mhux finalizzati. Il-Kunsilliera Galea staqsiet dwar ir-*reinstatment* tal-Jogging Track. Ġie spjegat li l-faċilitajiet eżistenti ser jibqgħu hemm iżda dawn ser jersqu aktar lejn Triq il-Ġnien. Il-Viċi Sindku sostna li meta ssir laqgħa konsultativa fuq dan il-proġett għandu jkun hemm il-Kunsill kollu. Il-Kunsilliera Galea staqsiet għala fil-*waterfountains* m'hemmx ilma. Is-Sindku qal li probabbli hemm il-*main* magħluq. Il-Viċi Sindku qal li l-kaxxa tal-*main* li saret trid titla aktar 'il fuq.

*37.5.2* *Day Care Centre għall-Anzjani*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-*Day Care Centre* ser jibda jiftaħ nhar ta' Tnejn ukoll.

**37.5.3 Rapport mill-Kuratur tal-Ġnien**

Is-Sindku ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill rapport dwar bżonn ta' diversi nuqqasijiet u bżonn ta' manutenzjoni fi Gnien is-Serenita'. Il-Viċi Sindku talab li kopja ta' dan ir-rapport jintbagħt lill-Kunsill kollu.

**37.5.4** ***Fondi mir-Reġjun Nofsinhar għall-Kunsilli Lokali***

Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tar-Reġjun saret premura biex il-Kunsill jibgħatu għar-riemborz ta' dawn il-fondi li r-Reġjun alloka għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jinġabru dawn il-fondi kif propost mis-Sindku.

***37.5.5 Approvazzjoni għall-Attivitajiet ta' matul is-Sena 2018***

**37.5.5.1** Is-Sindku ippropona numru ta' attivitajiet li ser ikun qed jorganizza matul is-sena 2018.
Huwa qal ser tiġi organizzata attivita għal Jum il-Mara fid-9 ta' Marzu 2018.

Fix-xahra ta' Ġunju 2018 ser isir *big screen* fil-Picnic Area fil-ġranet tal-World Cup. Huwa qal li jridu jinġiebu l-permessi neċessarji mill-pulizija u TVM u qal ukoll li ser isir avviż ta' nteress għal min jixtieq japplika għal permess biex iqiegħed posta jew kiosk għall-*catering* waqt din l-attivita'.

Is-Sindku qal ukoll li fis-7 ta' Lulju 2018, fl-okkazjoni ta' Jum Santa Luċija, ser tittela fiera ta' talent lokali fi Ġnien is-Serenita'. Ġie deċiż li barra li jitħallsu u jinġiebu l-permessi neċessarju għanda tintalab kontribuzzjoni ta' mhux anqas minn €50.00 għal kull min japplika biex jarma *stand* u l-flus miġbura jmorru b'risq Dar Bjorn.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa f'Earth Day fejn ser jerġa jsir eżerċizzju ta' tindif f'Wied Garnaw

Il-Kunsill approva dawn il-proposti.

**37.5.5.2** Il-Viċi Sindku ippropona li jsir Kunċert fi Ġnien is-Serenita'mill-Medina Music Foundation li hija orkestra ta' ħamsin ruħ. Huwa kompla jgħid li d-data proposta tkun dik tal-4 ta' Lulju 2018 u matul is-serata' jingħata Ġieħ Santa Luċija. Huwa qal li ser jinġiebu *sponsors* li mistennija jkopru l-parti l-kbira tal-ispiza involuta u l-Kunsill iħallas biss €1,000.00 li tinkludi l-ispiża tal-kiri ta' siġġijiet. Il-Viċi Sindku qal ukoll li waqt din is-serata ser jinġabru fondi għal

Dar Bjorn.  Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**37.5.5.3** Il-Kunsillier Liam Sciberras ħareġ bl-idea li tiġi organizzata Sports Day għat-tfal fil-5 ta' April 2018.  Il-Kunsill qabel li din tiġi kkordinata mal-Fondazzjoni Right to Smile.  Din l-attivita' kif proposta ġiet approvata mill-Kunsill.

**36.5.6** **Lista ta' siġar biex jinżabru**

Is-Sindku qal li tħejjiet lista ta' talbiet għal żbir ta' siġar.  Il-Kunsill iddiskuta u ġew inklużi xi siġar oħra li għandhom bżonn jinżabru.

**37.5.7** **Permessi għall-użu ta' Ġnien is-Serenita' għall-*parties* tat-tfal**

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jirċievi talbiet biex isiru *parties* tal-tfal bħal tal-Praċett u Grizma.  Huwa qal lis-Segretarju Eżekuttiv għandha bżonn ta' konferma li l-kontribuzzjoni għal dan il-permess ser tibqa dik ta' €233.00.  Il-Kunsill qabel li l-ħlas dovut għal parties tat-tfal għandu jibqa tal-ammont imsemmi li joħroġ mill-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'.

**37.5.8** ***Computer Courses organizzati mill-Kumpanija TCTC***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li sa issa nkitbu sitt parteċipanti għal kors tal-*computer* li qed jiġi propost mit-TCTC.  Il-Kunsill innota li dan huwa numru żgħir komperat mal-ħlas dovut għal dawn il-*courses*.  Għandha ssir komunikazzjoni ma' TCTC f'dan ir-rigward.

**37.5.9** ***Sinjali tat-Toroq***

Is-Sindku ressaq talba biex tiġi *reinstated* in-*No parking bay* fi Triq Tursin il-Bir li kienet riservata għal persuna li issa mietet.  Il-Kunsill qabel ukoll li jsir *refreshing* tas-*signs* quddiem id-daħla ta' Triq id-Dalja u tabella f'post il-Gladjoli.

**37.5.10** **Korrispondenza mressqa għal-attenzjoni tal-Kunsill**

Is-Sindku ressaq xi korrispondenza għad-diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda kif ġej:

**Ref: 0041-18-01** – laqgħat ma' għaqdiet volontarji –għandha tiġi kkordinata laqgħa mal-għaqdiet volonatarji fil-lokalita'.

**Ref: 0093-18-01** – Informazzjoni fuq Euro *banknotes* – Għandha tiġi kkordinata laqgħa mad-Day Care Centre.

**Ref: 0076-18-I** – Ilmenti – talba biex isiru tabelli dwar fejn għandha titqiegħed il-borża tal-iskart.  Ġie nutat li diġa hemm tabelli u marki fit-triq b'din l-

informazzjoni.

**37.6 Estimi Annwali għas-sena 2018**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-estimi annwali għas-sena 2018. Hija spjegat fid-dettal kull dħul u ħruġ finanzjarju previst għal perjodu msemmi. Saret diskussjoni dwar l-infieq kapitali u l-Kunsill qabel mal-proġetti kif proposti. L-estimi annwali ġew approvati mill-Kunsill bi qbil unanimu.

**37.7 Business Plan 2018-2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-*workings* għal Business Plan għal perjodu ta' tlett snin li jkopri s-snin 2018 sa 2020. Il-Kunsill iddiskuta l-proġetti għal dan il-perjodu u qabel li sas-sena d-dieħla trid tkun saret applikazzjoni tal-Mepa għal bini ta' Centru Civiku. Il-Business Plan 2018-2020 ġiet approvata mill-Kunsill bi qbil unanimu.

**Nota** *Fis-6.20 p.m il-Kunsilliera Caroline Galea talbet li tiġi skużata mill-laqgħa.*

**37.8 Kuntratt ARC(57-18-01) Evaluation Committee**

Il-Kunsill approva l-membri tal-Evaluation Committee fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi kif ġej:

Terrence Ellul - Chariperson
Josianne Debono (Accountant) Evaluator
Dr Vincienne Vella (Avukat) Evaluator
Matthew Schembri (Inġinier) Evaluator
Caroline Silvio - Segretarju

**37.9 Proġett Flows**

**37.9.1 Dati tal-Proġett Flows u approvazzjoni għal servizz tal-kordinazzjoni u implementazzjoni tal-proġett**

Is-Sindku qal li l-ġranet li fihom ser jittella' l-Proġett Flows ġew ikkonfermati u huma bejn l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2018 u s-Sibt 24 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill iddiskuta x-xogħol marbut mal-organizzazjoni u implimentazzjoni ta' dan il-proġett u qabel li dan għandu jiġi fdat lill-kumpanija Ace20 li diġa ħadet ħsieb tal-applikazzjoni għal fondi fuq dan il-proġett. Fid-deċijoni tiegħu l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni li l-ħlas mitlub huwa wieħed raġonevoli ħafna meta tqis il-volum ta' xogħol u responsabilita' nvoluta. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li bħalissa qed jinġabru kwotazzjonijiet għal akkomodazzjoni tal-parteċipanti

**37.9.2 Ġemellaġġ ma' Lubriano fl-Italja**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill li l-Ministeru Għall-Ġustizzja u Gvern Lokali ta l-

approvazzjoni tiegħu biex il-Kunsill jidħol f'Ġemellaġġ ma' Lubriano fl-Italja. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jiffirma Ġemellaġġ fil-ġranet li fihom ser ttittella l-konferenza tal-Proġett Flows li għaliha ser ikunu preżenti delegazzjoni minn Lubriano li huma wkoll *partners* fuq dan il-proġett.

**37.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**37.11 *Performance Appraisal* tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill**

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Assistant Prinċipali | 6% |
| Marilyn Ellul – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |

**35.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fil-7.05p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar 2018 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

**IFFIRMATA**

**Terrence Ellul**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**